# SIR ANTHONY MAMO (1)

## Għaxar snin minn mewtu



ROBERT ALOISO / robertaloisio@gmail.com



Anthony Mamo fil-ġurnata tat-tieġ tiegħu ma' Margaret fl-1939



Il-famużi Mamo Notes



Id-dar fejn twieled Ninu ta' Karla

Nhar l-1 ta' Mejju 2008, ħalla din id-dinja Sir Anthony Mamo – l-ewwel President ta' Malta Repubblika – fl-età ta' 99 sena. Sir Anthony Mamo kiseb il-fiduċja ta' min xi darba jew oħra kellu l-poter.

Serva taħt il-Kuruna Ingliża u erba' Prim Ministri. Ħadem għall-aktar mumenti importanti kostituzzjonali ta' pajjiżna. Minn ħdejn George Borg Olivier fix-Xagħra tal-Furjana bħala Prim Imħallef fl-1964, sa ħdejn Mintoff fl-1974 f'Misraħ San Ġorġ. Skont Lino Spiteri huwa kien "il-Malti li l-aktar li ssimbolizza dak li jista' jkun hemm tajjeb fi bniedem".

### TWIELED FIL-FAQAR

Bin Ġużeppi u Karla, Anthony jew Ninu Mamo twieled f'Birkirkara nhar id-9 ta' Jannar 1909. Il-familja tiegħu baqgħet magħrufa bħala "Ta' Karla". F'intervista ma' IT-TORĊA ta' għaxar snin ilu, ibnu John, li llum huwa Professur tal-Liġi Kummerċjali u ċ-chairman il-ġdid tal-MFSA, kien qal: "Missieri twieled fqir. Kienu ħafna aħwa u t-tfulija tagħhom kienu jgħixuha fil-faqar. Kien imur skola f'Birkirkara u ġieli anke f'Ħ'Attard."

"Kien jirrakkontali li fi tfulitu kienet problema biex ikollhom finanzi biżżejjed biex jixtru sandli jew qorq. Biex jibża' għall-qorq li kellu, tant li fit-triq li tagħti lejn l-iskola li fiha ma kienx ikun hemm nies, kien jimxi ħafi. Meta jasal fil-parti ċentrali, kien jilbsu."

"Missieru u ommu mhux biss kellhom familja kbira, imma d-dħul tagħhom kien ristrett għax huma kulma kellhom kien ħanut li jbigħu l-ħaxix. Missieri kien ukoll jgħin f'dan ix-xogħol, li l-moħħ wara x-xogħol ta' dan il-ħanut kienet l-omm."

### BRAVU FL-ISKOLA

Ibnu John kien qal lit-TORĊA li "mindu kien żgħir missieri kien jiġi dejjem minn ta' quddiem fl-eżamijiet. Kien jiġi l-ewwel u l-oħrajn warajh. Mill-edukazzjoni tal-bidu kien kompla jistudja s-seminarju. Darba biss ma ġiex l-ewwel. Dan kien meta mietet ommu. Lil ommu kien iħobbha ħafna u l-mewt tagħha affettwatu."

"Fl-iskola kien jitqabbad biex jagħmel il-prietki tal-Milied u aktar tard anke għamel diskorsi waqt xi okkażjonijiet. Kien jinqala' biex jitkellem u meta kien is-Seminarju kien hemm min kien jgħid li għad isir Isqof." Fis-Seminarju kien jiġi l-ewwel f'kull suġġett, mill-Matematika sal-Latin.

### TA' KARLA

Barra l-iskola, Ninu kien iħobb imur il-Museum u kien ikanta fil-kor tal-Bażilika ta' Sant'Elena. Kellu ħuh Ġanni li kien soċju tal-Museum u jien niftakru dejjem bi tbissima fuq fommu fil-laqgħat ta' nhar t'Erbgħa li s-soċji jkollhom fil-kwartieri tagħhom fil-Blata l-Bajda. Dan Ġanni kien jieħu ħsieb il-ħanut tal-merċa flimkien ma' tliet ħutu oħra, Ġorġ li kien membru tal-Azzjoni Kattolika, Marija u Foli (Filomena). Marija kienet mietet b'attakk tal-qalb waqt il-quddiesa fil-knisja żgħira tal-Vitorja. Ġanni kien miet ukoll kbir, ta' 96 sena.

Ommi, li kienet minn Birkirkara, mill-familja "Tal-Ħaċċ", tiftakar kif meta kienet tifla kienet tmur tixtri l-pitazzi u l-biros mill-ħanut tagħhom. Tiftakarhom bħala nies ħelwin, onesti u ta' qalb ħanina. Tiftakar anke lil Sir Anthony bħala ġentlom. Kienu nies li baqgħu jgħixu ħajja umli.

Sir Anthony kien iżur spiss lil ħutu u forsi għalhekk min jiftakru qatt ma tilef il-kuntatt miegħu.

### MIS-SEMINARJU GĦALL-UNIVERSITÀ

Anthony Mamo ħa l-edukazzjoni tiegħu fis-Seminarju u wara fl-Università Rjali ta' Malta meta fl-1931 iggradwa bil-Baċellerat fl-Arti. Għall-ewwel ħass il-vokazzjoni ta' saċerdot u kien daħal fil-Fakultà tat-Teoloġija iżda mbagħad intebaħ li ma kinitx triqtu u qaleb għal-Liġi. Minkejja dan, żamm rabta mill-qrib mas-Seminarju fejn baqa' jattendi għall-funzjonijiet importanti anke meta sar President ta' Malta.

Kull meta kellu bżonn xi għajnuna finanzjarja dejjem sab lil ħutu. U hu dejjem baqa' grat lejhom u dan kien jidher ċar fir-rabta intensa li baqa' jżomm magħhom u ma' uliedhom. Kien dejjem juri interess fihom u jgħinhom kif jista'.

### MAMO NOTES

Sir Anthony ggradwa bħala avukat fl-1934. Billi ġie l-ewwel fil-kors tiegħu, il-Gvern tah żewġ scholarships, it-Travelling Scholarship u l-Bugeja Scholarship. Fl-ewwel sena tiegħu ta' avukat, ipprattika privatament imma mbagħad beda l-karriera fis-servizz pubbliku. L-hekk imsejħa "Mamo Notes" huma n-noti fuq il-Liġi Kriminali li ħejja Mamo f'dawn is-snin u li għadhom meqjusin bħala sors imprezzabbli għal kull student tal-liġi.

L-Imħallef Toni Abela, f'artiklu li kiteb fl-2008, jiddeskrivi hekk dawn in-noti: "Meta dħalt għall-kors tal-Liġi fl-1979 kelli nistudja dak li konna nsejħulhom il-Mamo Notes. Sett ta' kitbiet fuq il-Liġi Kriminali li kienu essenzjali jekk ridt li tgħaddi mill-eżami tal-Kriminal. Għadhom essenzjali sal-lum, u sal-lum għadhom ma jdejqukx, għax bħall-awtur tagħhom, għalkemm profondi, huma sempliċi u mingħajr ebda pompożità. In-noti ta' Sir Anthony jixhdu l-karattru tiegħu: sempliċi iżda effettivi."

F'Ottubru li għadda, l-Arkivji Nazzjonali akkwista kollezzjoni ta' dokumenti privati, ritratti u kull xorta ta' materjal ieħor ta' Sir Anthony Mamo, fosthom il-famużi Mamo Notes. Id-dokumenti jinkludu wkoll notamenti privati, ittri mibgħutin fil-ħila personali tiegħu u ritratti li jiddokumentaw il-ħajja privata tiegħu.



Mamo jagħmel l-ewwel diskors tiegħu bħala President ta' Malta

### IŻ-ŻMIEN TAL-QORTI: L-ISBAĦ ŻMIEN

Fl-1936, Mamo ta' 27 sena, inħatar membru tal-kummissjoni responsabbli mill-edizzjoni riveduta tal-liġijiet, taħt il-gwida tal-Imħallef William Harding. Matul il-Gwerra, Sir Anthony kien ta' għajnuna kostanti għar-refuġjati u dawk milqutin ħażin mill-air raids li kuljum kienu jġibu mewt u ħerba. Kien fl-1942 li ngħaqad mal-uffiċċju tal-Avukat tal-Kuruna. Ftit, ftit, tela' l-gradi u fl-1955, inħatar Avukat Ġenerali tal-Kuruna u sentejn wara nħatar Prim Imħallef u President tal-Qorti tal-Appell.

Iktar tard, meta l-Kostituzzjoni tal-1964 daħlet fis-seħħ, huwa nħatar l-ewwel President tal-Qorti Kostituzzjonali.

Meta f'Ottubru li għadda, ibnu John kien intervistat minn TVM huwa stqarr li jaħseb li proprju l-aktar żmien hieni tiegħu kien meta kien jilbes it-toga għax hu kien avukat bi professjoni, tela' fir-ranks. "Naturalment li kien Kap ta' Stat kien l-ogħla unur li seta' jkollu. Però nibqa' ngħid li l-aktar żmien għal qalbu kien meta kien fil-ġudikatura."

### PROFESSUR U GĦALLIEM

Sadanittant, fl-1943, Mamo ta' 34 sena, inħatar Professur tal-Liġi Kriminali fl-Università ta' Malta, kariga li dam fiha sal-1957. Għal ħafna snin huwa kien ukoll President tal-Kunsill u Pro-Kanċillier tal-Università. B'apprezzament għal ħidmietu, l-Università tatu Dottorat fil-Letteratura (D.Litt.)

L-awtur u eks Ministru Lino Spiteri, fil-ktieb tiegħu "Jien u Għaddej fil-Politika", jgħid li meta Mamo xjaħ sew u hu mar iżuru, "dwar is-snin li għamel bħala Kap tal-Istat ma semma xejn, iżda semma b'għożża u kburija meta kien jgħallem il-Liġi fl-Università. 'In-noti li kont nagħtihom kienu jsibuhom ta' siwi l-istudenti,' qalli. 'Għad hemm min jużahom, taf. Mamo Notes – hekk baqgħu jgħidulhom'. Lill-Professur Mamo sabuh ta' għajnuna ħafna studenti tal-liġi. Mhux huma biss."

Ibnu John jgħid li missieru "kellu rispett kbir lejn il-liġi miktuba u kien popolari ħafna bħala professur mal-istudenti. Minn taħt idejh fl-Università għaddew tliet eks Presidenti tar-Repubblika, Ugo Mifsud Bonnici u Guido de Marco u Eddie Fenech Adami. L-istudenti kien ikollhom rispett kbir lejh".

### INTEGRU, RETT U ĊAJTIER

Sir Anthony kienu jieħu xogħlu b'serjetà u integrità kbira. Huwa ħadem ma' erba' Prim Ministri differenti: tnejn tal-Partit Laburista: Boffa u Mintoff, u tnejn tal-Partit Nazzjonalista: Nerik Mizzi u Borg Olivier, u kien rispettat minn kull sfera politika, għall-integrità u s-serjetà ta' xogħlu.

"Fuq ix-xogħol tiegħu, kemm bħala Avukat Ġenerali, Prim Imħallef u servizzi oħra li ta, dejjem wera integrità. Kull min jiftakru jgħidlek kemm kien puntwali. Kemm kien jirrabja mal-avukati li ma kinux imorru preparati għall-kawżi. Jgħidulek kif kien jagħmel seduti regolari u dejjem se ssibu ppreparat," jgħid ibnu John.

Imma fi kliem John, missieru "kien jiċċajta ukoll. Fl-1 ta' April kien iħobb jagħmel xi ċajt u xi kultant kien ikun goff ukoll. Niftakar kien bellagħha lil waħda mara li kienet rebħet somma flus tajba fil-lotterija u meta saret taf li ma kienx minnu, tgħidx kemm kienet irrabjat għalih. Kien anke jagħmel xi ċajta lil xi ħadd b'xi problemi ta' taxxa."

### L-EWWEL GVERNATUR ĠENERALI MALTI

Fl-1955, Mamo nħatar Honorary Queen's Counsel u sentejn wara ngħata l-Order of the British Empire. Fl-1959, ingħata t-titlu ta' "Sir".

Fl-1962, nistgħu ngħidu li Sir Anthony beda jmidd l-ewwel passi lejn il-kariga li kellha tfisser il-quċċata tal-karriera twila tiegħu. Lejn tmiem dik is-sena, meta l-Ammirall Sir Guy Grantham wasal fi tmiem il-ħatra tiegħu ta' Gvernatur ta' Malta, ir-Reġina, fuq parir tal-Prim Ministru Borg Olivier, ħatritu Aġent Gvernatur sakemm wasal Sir Maurice Dorman. Iżjed tard sar Viċi Gvernatur, u wara l-Indipendenza, Aġent Gvernatur Ġenerali, sakemm fl-1971, Sir Anthony Mamo nħatar l-ewwel Gvernatur Ġenerali Malti.

### LEJN IR-REPUBBLIKA

Kien fil-leġislatura ta' bejn l-1971 u l-1976 li bdew taħdidiet bejn il-partiti politiċi biex tinbidel il-kostituzzjoni tal-Indipendenza b'wieħed mill-għanijiet ewlenija jkun li Malta minn monarkija ssir repubblika. Biex isiru l-emendi kostituzzjonali proposti, kienet tenħtieġ maġġoranza ta' żewġ terzi, u mhux kull deputat parlamentari kien jaqbel li minn monarkija Malta ssir Repubblika fosthom George Borg Olivier.

Waqt it-trattattivi bejn il-partiti politiċi, Sir Anthony offra li jlaqqa' hu ż-żewġ partiti flimkien bil-għan li jinnegozjaw bejniethom ħalli jaslu fi ftehim. Sir Anthony ma llimitax ruħu li jospita d-delegazzjonijiet fir-residenza uffiċjali tiegħu f'Sant'Anton imma kien ukoll ikun preżenti għad-diskussjoni u kien isemma leħnu billi jagħti pariri ta' natura kostituzzjonali u jesprimi l-veduti tiegħu. Aktar tard, wara numru ta' laqgħat, it-taħdidiet ma baqgħux isiru għand Sir Anthony u d-delegazzjonijiet tal-partiti bdew jiltaqgħu fil-Palazz tal-Belt.

### PRESIDENT TA' MALTA

Wara xi żmien, intlaħaq ftehim u l-kostituzzjoni nbidlet. Bħala l-ewwel President tar-Repubblika, il-Parlament Malti għadda riżoluzzjoni biex jinħatar Sir Anthony Mamo. Fl-2008, il-ġurnalist veteran Anton Cassar kien kiteb li darba Lino Cassar, ġurnalist ieħor li kien ikun dejjem ma' Mintoff, kien staqsa lill-Perit Mintoff: "Min se jkun l-ewwel President tar-Repubblika ta' Malta?" Mintoff qallu "Mhux Ninu?" "Ninu ma kien ħadd ħlief Sir Anthony Mamo, li l-għażla tiegħu, approvata unanimament mill-Parlament, kienet tfisser l-għaqda tal-Poplu Malti kollu," kiteb Anton Cassar.

Fl-aħħar, wara tant sekli, Malta setgħet tiftaħar li wieħed minn uliedha denji kien il-Kap tal-Istat u s-simbolu tal-unità nazzjonali Maltija.

### L-EWWEL DISKORS TAL-PRESIDENT

F'dik il-lejla tat-13 ta' Diċembru tal-1974, wara li ħa l-ġurament tal-ħatra, bix-xita nieżla u l-bard, Sir Anthony ħareġ fil-gallarija tal-Palazz flimkien mal-Prim Ministru Mintoff u ma' għadd ta' Membri Parlamentari u indirizza l-folla kbira Maltija li kienet marret biex tifraħ miegħu li, sa fl-aħħar, Malta kienet saret f'kull sens "Malta Maltija".

B'Anton Buttigieg fuq naħa u b'Mintoff fuq l-oħra, din kienet xena storika li baqgħet immortalizzata fuq sett bolol li kienu ħarġu għall-okkażjoni.

Fid-diskors lill-folla fi Pjazza San Ġorġ, il-President Mamo irringrazzja lill-miġemgħa u qal: "Hemm mod wieħed, u mod wieħed biss, kif jien nista' nurikom l-għożża tiegħi u b'xi mod inpattilkom għat-tjubija ta' qalbkom. U dan il-mod hu billi nwiegħedkom li da parti tiegħi nagħmel dak kollu li nista' biex inkun tassew nistħoqq it-turija ta' rispett u fiduċja tagħkom".

Issokta jgħid: "Aħna lkoll li qegħdin ngħixu f'din is-siegħa solenni aħna xhieda ta' ġrajja importanti fl-evoluzzjoni Kostituzzjonali tagħna li żgur titniżżel u tibqa' mfakkra fl-istorja ta' ġensna… filwaqt li, kif ta' sikwit sfortunatament naqraw jew nisimgħu fuq il-mezzi tal-komunikazzjoni, f'pajjiżi oħra tibdil kostituzzjonali spiss jagħti lok għal rewwixti, ġlied, u ħafna drabi anke tixrid ta' demm, hu ta' min jifraħ li f'pajjiżna, dan it-tibdil importanti sar fil-paċi, fl-ordni u bil-kwiet, bi spirtu ta' koperazzjoni reċiproka, kif titlob id-demokrazija".

*(jissokta)*



Il-Gvernatur Ġenerali Anthony Mamo jispezzjona Gwardja tal-Unur fl-1970